# Ix-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà: Magħqudin kontra t-Theddid tas-Ċibersigurtà

## Ottubru 2017 hu x-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà u din is-sena taħbat il-ħames anniversarju tal-kampanja tax-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà.

Matul ix-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà madwar l-Ewropa se jittellgħu 300 attività li jippromwovu s-sikurezza fuq l-internet, fosthom konferenzi, sessjonijiet ta' ħidma, sessjonijiet ta' taħriġ, summits, preżentazzjonijiet ġenerali għall-utenti, kampanji fuq l-internet, u oħrajn. Il-kampanja tal-2017 se tiffoka fuq **iċ-ċibersigurità fuq il-post tax-xogħol, il-governanza, il-protezzjoni tal-privatezza u tad-dejta, iċ-ċibersigurtà f'darna u l-ħiliet fil-qasam taċ-ċibersigurtà**.

Waqt t-tnedija li saret fid-29 ta' Settembru 2017 fl-Università Teknoloġika ta' Tallinn fl-Estonja, bosta rappreżentanti tal-industrija, tas-settur pubbliku tal-UE, mill-iskwadri nazzjonali ta' koordinazzjoni u mill-akkademja ppreżentaw xi rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti dwar iċ-ċibersigurtà. Uħud mill-iprem speċjalisti fiċ-ċibersigurtà ddiskutew diversi suġġetti li huma relatati mat-temi tas-sigurtà indirizzati matul il-ġimgħat fix-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà. Dan l-avveniment organizzawh l-Awtorità Estonjana tas-Sistemi tal-Informazzjoni, is-CERT tal-Estonja, l-Università Teknoloġika ta' Tallinn u l-ENISA.

**Il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għas-Suq Uniku Diġitali, Andrus Ansip qal: *"Id-dinja diġitali tissejjes fuq iċ-ċibersigurtà; kull wieħed minna jrid jerfa' biċċa mir-responsabbiltà ta' kuljum. Nilqa' dawn l-isforzi konġunti biex inqajmu kuxjenza u noħolqu azzjonijiet konkreti dwar iċ-ċibersigurtà fl-Ewropa."***

**Il-Kummissarju għall-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali, Mariya Gabriel qalet: *"Fil-ħajja professjonali u privata tagħhom, in-nies ikunu jistgħu jbassru jew jegħlbu r-riskji diġitali sew, jekk ikunu infurmati biżżejjed u jkollhom il-ħiliet adattati. Ix-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà hu opportunità mill-aqwa biex nikkumplimentaw il-pjanijiet tagħna ħalli l-UE ssir aktar sikura fejn tidħol id-dinja ċibernetika."***

**Id-Direttur Eżekuttiv tal-ENISA, Prof. Udo Helmbrecht qal: *"Għall-ħames sena, l-ENISA qed tingħaqad mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri biex tfakkar ix-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà. Ix-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà 2017 ilaqqa' flimkien esperti minn madwar l-Unjoni Ewropea kollha biex ikomplu jqajmu kuxjenza dwar l-isfidi taċ-ċibersigurtà li għandhom l-utenti ta' kuljum. Dan l-avveniment jagħtina ċ-ċans infakkru lil kulħadd fl-importanza tal-iġjene ċibernetika u li "ċ-ċibersigurtà hija responsabbiltà ta' kulħadd. Ieqaf. Aħseb. Aqbad mal-internet."***

**L-avvenimenti matul #CyberSecMonth!**
Ix-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà jitfakkar tul Ottubru madwar l-Ewropa kollha. Kull ġimgħa għandha tema partikolari:
**L-ewwel ġimgħa – 2-6 ta' Ottubru: Iċ-ċibersigurtà fuq il-post tax-xogħol**
**It-tieni ġimgħa – 9-13 ta' Ottubru: Il-governanza, il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta**
**It-tielet ġimgħa – 16-20 ta' Ottubru: Iċ-ċibersigurtà f'darna**

**Ir-raba' ġimgħa – 23-27 ta' Ottubru: Il-ħiliet fil-qasam taċ-ċibersigurtà**

F'Ottubru, l-ENISA u d-Direttorat Ġenerali CONNECT tal-Kummissjoni Ewropea se joħorġu filmati qosra biex iqajmu kuxjenza dwar it-tema ta' kull ġimgħa u se jorganizzaw ukoll avvenimenti u attivitajiet dwar dawn it-temi. Din il-mappa interattiva turik x'se jittella' fil-belt tiegħek. Il-kampanja għandha wkoll dimensjoni internazzjonali: skopri x-Xahar Nazzjonali ta' Għarfien dwar iċ-Ċibersigurtà u l-Kampanja Nazzjonali ta' Għarfien dwar iċ-Ċibersigurtà – Stop. Think. Connect – li ssir fl-Istati Uniti tal-Amerka. It-tnedija globali tax-Xahar taċ-Ċibersigurtà se ssir fit-3 ta' Ottubru 2017 mill-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (l-OAS) flimkien mal-Alleanza Nazzjonali dwar iċ-Ċibersigurtà (l-NCSA), id-Dipartiment tas-Sigurtà Interna tal-Istati Uniti tal-Amerka (id-DHS) u d-Dipartiment Kanadiż tas-Sikurezza Pubblika (PSC), fis-Sala tal-Amerki f'Washington, D.C.

Fuq il-website tax-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà hemm bosta ideat u pariri bi 23 lingwa u materjal ieħor li jqajjem kuxjenza. Minbarra dan, nistgħu wkoll nieħdu sehem fil-kwiżż aġġornat dwar iċ-ċibersigurtà b'xi waħda mit-23 lingwa disponibbli. Fuq din il-website apposta hemm ukoll lista tal-koordinaturi tax-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà minn kull Stat Membru.

**U tinsiex!** Ara x'inhi l-Isfida tas-Sigurtà Ċibernetika li jmiss tal-2017 li se ssir bejn it-30 ta' Ottubru u t-3 ta' Novembru fi Spanja. Din se tlaqqa' bosta talenti taż-żgħażagħ mill-Ewropa kollha biex jingħaqdu, jikkollaboraw u wara jikkompetu bejniethom dwar il-ħiliet tagħhom b'rabta mal-attakki ċibernetiċi u d-difiża.

**Il-kuntest**
Ix-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà jorganizzawh l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (l-ENISA), il-Kummissjoni Ewropea u aktar minn 300 sieħeb fosthom awtoritajiet lokali, gvernijiet, universitajiet, ħassieba, NGOs u assoċjazzjonijiet professjonali minn madwar l-Ewropa kollha. Bħas-sena l-oħra, l-ENISA ngħaqdet mal-Europol (iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità – l-EC3), mal-Awtorità Estonjana tas-Sistemi tal-Informazzjoni, mas-CERT tal-Estonja u mal-Università Teknoloġika ta' Tallinn biex iqajmu kuxjenza u jwasslu għarfien dwar iċ-ċibersigurtà.

L-ENISA tirringrazzja lis-sħab istituzzjonali tagħha: il-Europol, l-EC3, l-Awtorità Estonjana tas-Sistemi tal-Informazzjoni, is-CERT tal-Estonja, l-Università Teknoloġika ta' Tallinn u lil kull sieħeb ieħor ta' sehemhom u tal-kollaborazzjoni tagħhom matul ix-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà.

**"Iċ-ċibersigurtà hija responsabbiltà ta' kulħadd – Ieqaf. Aħseb. Aqbad mal-internet."** Segwi l-kampanja fuq Twitter @CyberSecMonth #CyberSecMonth, #OctoberNIS

**Materjal relatat:**
L-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali
Iċ-ċibersigurtà fis-Suq Uniku Diġitali
Il-video tax-Xahar Ewropew taċ-Ċibesigurtà (2016)
L-istejjer tal-Ambaxxaturi taċ-ċibersigurtà
L-Isfida tax-Xahar Ewropew taċ-Ċibersigurtà

**Għal intervisti u mistoqsijiet tal-istampa:**
Matul ix-**Xahar Ewropew taċ-Ċibesigurtà**, ikkuntattja lil press@enisa.europa.eu

**Il-lista sħiħa tas-sħab:** https://cybersecuritymonth.eu/about-ecsm/partners